MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Numru. 378/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs.**

**Nasir Aydiid Aabi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nasir Aydiid Aabi, ta’ 38 sena, bin Aydiid u Amina, imwieled gewwa s-Somalia nhar l-1 ta’ Jannar 1976, residenti gewwa Hal Far, limiti ta’ Hangar Open Centre, Birzebbuga, detentur tal-Karta tal-Identita numru: 83308(A).

Akkuzat talli:

1. Talli nhar id- 9 ta` April 2014 gewwa Dar l-Immigranti, Misrah Kastillja, Valletta, ghall habta ta' 15:35pm, ikkommetta serq ta' HTC mobile phone, li jeccedi l-valur ta' € 232.94 izda inqas minn € 2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Father Alfred Vella detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 23257(M);

2. U aktar talli f`Malta xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b`kull mod li jkun indahalu sabiex ibieghhom jew imexxijhom;

3. U aktar talli ghamel reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' conditional discharge ghal tlett snin (3) moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. nhar it-21/11/2013 ;

4. U aktar talli ghamel reat li ghalieh hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' tnax (12) il- xahar prigunerija sospiza ghal sentejn (2), moghtija mill-Magistrat Dr. Paul Coppini LL.D. nhar l-20/08/2013;

Il- Qorti giet mitluba titratta ma Nasir Aydiid Aabi bhala recidiv ta' sentenza imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, liema sentenza ma tistax tigi mhassra ai terminu ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjoni dedotta kontrih tista' twassal ghal piena massima ta' sitt (6) snin prigunerija ghall-ewwel (1) u it-tieni (2) imputazzjoni, trid titratta mieghu tar-reat li ghalih inghata conditional discharge b'sentenza tal-21 ta' Novembru, 2013 u tigi reza operattiva s-sentenza ta' tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn moghtija mill-Magistrat Dr. Paul Coppini fl-20 t'Awwissu, 2013, u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena. Waqt din it-trattazzjoni, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-mobile phone li nsteraq u li hu msemmi fl-ewwel imputazzjoni gie ritornat lis-sid tieghu cioe' Father Alfred Vella qabel inbdew dawn il-proceduri u li l-valur ta' dan il-mobile kien ta' circa mitejn u sittin Ewro (€260).

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija u li l-mobile phone gie ritornat lil sidu qabel inbdew dawn il-proceduri.

Il-mobile phone kien jiswa circa mitejn u sittin Euro (€260), li mhux xi ammont sostanzjali.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll illi ghalkemm skont il-verbal tad-difiza, l-imputat ilu Malta biss tlett snin, huwa diga instab hati minn dawn il-Qrati darbtejn ohra ta' serq, u darba inghata *conditional discharge* u darba ohra sentenza sospiza, izda jidher li l-imputat ma uzufruwixxiex ruhu mill-opportunitajiet li tawh dawn il-Qrati li jirriforma ruhu.

Il-Qorti ikkunsidrat ulterjorment li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew idejali tar-reati.

Il-piena tal-imputat ghandha ai termini tal-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali titnaqqas b'zewg gradi stante li l-imputat irritorna lura l-oggett misruq lil sidu qabel bdew dawn il-proceduri kriminali. Pero, dan il-beneficcju qed jigi newtralizzat bil-fatt li fl-opinjoni tal-Qorti il-piena ghandha tizdied b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, stante li din hija t-tielet darba li l-imputat instab hati ta' serq.

Il-Qorti sejra wkoll titratta mal-imputat talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, impost fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-21 ta' Novembru 2013. F'din is-sentenza, l-imputat kien instab hati ta' komplicita fir-reat ta' serq semplici. Peress li mis-sentenza ma jirrizultax kemm kien il-valur ta' dan is-serq, din il-Qorti sejra tati l-beneficcju lill-imputat u se tikkunsidra li l-valur tal-haga misruqa ma kienx jeccedi ghoxrin Euro u disa' u ghoxrin centezmu (€20.29).

Il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-sentenza sospiza ta' sena habs imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-20 t'Awwissu 2013 ghandha tigi reza operattiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 334, 337(2), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hames (5) xhur.

In oltre, in vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata tat-21 ta' Novembru 2013 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, din il-Qorti qieghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tittratta mal-hati ghall-imputazzjoni li dwarha hu kien tpogga taht tali ordni, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dik l-imputazzjoni, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni, tirrevoka l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 284 u 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati ghal perjodu ulterjuri ta' xahar (1) prigunerija effettiva.

Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' sena (1) sospiza ghal sentejn (2) moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 t'Awwissu 2013 tigi reza operattiva.

B'hekk il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti ta' dawn il-proceduri jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------